Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 58 / 2018

Il-Pulizja

Spettur Maurice Curmi

Vs

Joseph Apap

Illum 17 ta' Gunju 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Joseph Apap detenur tal-karta tal-identita Maltija 196471 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-10 ta' Dicembru, 2014, ghall-habta tal-11:00 ta' filghodu f' Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqeighed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car, ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Faith Jezz Mohammed, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 76358 (A), skont kif iccertifikat it-Tabiba Maria Grech MD (Med. Reg. 3388), tal-Isptar Mater De;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, uza kliem jew imgieba ta' theddid, abbuzivi jew insolent, jew xort' ohra gab ruhu b' dak il-mod, bil-hsieb li b' hekk

qajjem mibeghda razjali kontra xi persuna ohra jew grupp ta' persuni fuq bazi ta' generu, identita' tal-generu, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, origini etnika, religjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni ohra jew b' hekk holqt il-probabbilita' li, emta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibgheda razzjali;

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija, tapplika l-provvediment tal-Artikoli 383 jew 384 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532 A, 532 B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja kif mahsub f' l-artikoli:

a) 214, 215, u 218 (1) (a) (b) (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 214, 215, u 216 (1) (a) (ii) (iii) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) 82 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) 382 A, 383, 384, 386, u 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
f) 17, 23, 31, 532 A, 532 B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-8 ta' Frar, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 82 A, 214, 215, 221, 222 A (2) u 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu b' dan li fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni instab hati tar-reat minuri, kompriz u involut u cioe ta' offiza hafifa, u ikkundannatu disgha xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Joseph Apap, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-20 ta' Frar, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tvarja, tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Apap, nhar it-8 ta' Frar, 2018 billi tilqa' dan l-appell u filwaqt illi:

   (i) tikkonfermaha in kwantu s-sejbien ta` htija dwar it-tielet imputazzjoniji dedotta kontra l-appellanti;
   (ii) tirrevokaha u thassarha fil-bqija u tillibera lill-appellanti mill-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu;

2. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, fin-nuqqas, u cioè f' kaz li dan l-appell ma jintlaqax, dina l-Onorabbli Qorti hija mitluba tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena u tinfliggi piena iktar idonea mhux wahda karcerarja u inqas harxa li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji ta' l-appellanti Joseph Apap huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**1. L-ewwel aggravju**

1.1. L-ewwel aggravju tal-esponenti huwa illi l-fattispece tal-kaz huma fis-sens li ma setghu qatt iwasslu ghal sejbien ta` htija taht l-artiklu 82A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Ghalhekk hija l-umli sottomissjoni ta` l-appellanti illi huwa kellu jigi certament liberat mit-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu.

1.2. L-Artiklu 82 A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta jiddisponi dan li gej:

(1) Kull min juza kliem jew imgieba ta′ theddid, abbuzivi jew insolenti, jew jesibixxi xi materjal miktub jew stampat li jkun ta′ theddid, abbuziv jew insolenti, jew xort′ ohra jgib ruhu b′ dak il-mod, bil-hsieb li b′ hekk iqajjem mibeghda jew vjolenza razzjali jew religjuza kontra xi persuna ohra jew grupp ta′ persuni fuq bazi ta′ generu, identità tal-generu, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, origini etnika, religjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni ohra jew b′ hekk johloq il-probabbiltà li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibeghda razzjali jew religjuza, jehel meta jinsab hati, l-piena ta′ prigunerija minn sitt xhur sa tmintax-il xahar.

(2) Ghall-finijiet tas-subartikolu qabel dan "vjolenza jew mibeghda" tfisser vjolenza jew mibeghda razzjali jew religjuza kontra persuna jew grupp ta′ persuni f′ Malta definiti b′ referenza ghall-generu, identità tal-generu, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa,origini nazzjonali jew etnika, cittadinanza, religjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni ohra.

1.3. Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar il-15 ta` Lulju 2013 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Normal Lowell gie ritenut illi

L-artikolu 82 A ghandu dawn iz-zewg elementi:

a. Uzu ta' kliem jew l-esbizzjoni ta' kliem stampat li jkun ta' theddid, abbuziv jew insolenti; (actus reus)

U

b. il-hsieb li tqajjem vjolenza jew mibeghda razzjali jew ilprobabilita' li titqajjem vjolenza jew mibeghda razzjali (mens rea).

Issa l-istess artikolu jiddefinixxi ' mibeghda razzjali' u jillimitha ghal kontra grupp ta' persuni f' Malta u li din ilmibeghda tirreferi ghall-kulur, razza, nazzjonalita' (inkluza cittadinanza) jew origini etnika jew nazzjonali.

1.4. Dwar id-dictura kontenta lejn l-ahhar ta` l-artiklu 82A tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta` Malta, fis-sentenza hawn fuq citata jinghad dan illi gej: Huwa bizzejjed li jkun hemm il-' probabilita' ' . Din il-kelma ghandha nozzjoni differenti minn dik tac-' certezza' . Terga' u tghid, il-kelma ' probabilita' ' ghandha konnotati ferm inqas qawwija mill-frazi ' beyond a reasonable doubt.' Huwa bizzejjed dak ic-cans li tinholoq mibeghda razzjali bil-kliem li jinghad biex ikun soddisfatt dan l-element.

[…]

Fl-ahharnett l-istess artikolu jinkludi l-frazi ' meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha' . Il-Qorti qed tiddeciedi li jezistu cirkostanzi fid-diskors li jaghtu sinjal car ta' fejn ried jasal il-kelliem. Din hija kwistjoni ta' mhux biss x' intqal, fejn intqal izda ta' kif intqal specjalment meta wiehed jisma' – flok jaqra – id-diskors. Ma' dan ghandu tizdied ilprobabilita' tad-diffuzjoni estensiva permezz tal-internet. (Dak li qieghed jinghad hawnhekk ghandu jghodd ukoll ghat-tienu u t-tielet imputazzjoni).

1.4. Illi fir-rigward ta` l-actus reus mehtieg ai finijiet ta` l-artiklu 82A tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta` Malta, jidher illi l-Ewwel Qorti qieset illi tali element materjali kien jissussti meta l-appellanti irrefera ghall-allegata vittma bil-kulur skur tal-gilda taghha u minhabba l-fatt li huwa qalilhom go to your country. Fl-ewwel lok l-appellanti jghid

illi filwaqt illi l-incdent kollu ma huwa wiehed xejn felici, tali diskors qajla jistgha jigi minftiehem bhala diskors ta` theddid abbuziv jew insolenti kif trid il-Ligi ghall-integrazzjoni tar-reat. Forsi li huwa minnu illi meta wiehed jirreferi ghall-imigranti minn certu pajjizi Affrikani bil-kulur tal-gilda taghhom huwa jkun qed jonqos minn certu prudenza pero` b' hekk ma jfissirx illi jissussisti r-reat kontemplat fl-artiklu 82 A. Ta` bilhaqq l-appellanti ma` jistghax ma jinnutax illi matul ix-xhieda tal-allegata vittma u l-habiba taghha, huma stess jirrferu ghalihom infushom bhala black. Hawn l-appellanti jaghmel referenza ghas-sentenza ricenti moghtija mil-Ewwel Onorabbli Qorti nhar it-30 ta` Jannar 2018 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Brandon Bartolo fejn b' referenza ghall-kliem kwazi indentiku fost liema kien hemm Fuck off back to your country u dana fuq sit popolari immens fuq il-facebook, dik il-Qorti filwaqt illi ikkritikat xi ftit l-espressjonijiet uzati mill-imputat f' dik il-kawza ma sabitx htija.

1.5. Rigward il-mens rea u cioe l-intenzjoni jew il-hsieb li titqajjem mibgheda razzjali jirrizulta lill' hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-appellanti ma kellu l-ebda xorta ta` hsieb f' dan is-sens. L-uniku hsieb li kellu fil-mument li sehh l-incident kien li huwa jinqeghda ossia jsarraf ic-cheque tieghu malajr kemm jistgha jkun sabiex huwa jkun jistgha jiehu lill-kelb tant ghaziz ghalih ghand il-veterinarja. Certament ma jistghax jinghad li l-appellant kellu xi intenzjoni li jqajjem mibgheda razzjali. Il-kaz klassiku fejn instabet htija tar-reat ikkontemplat taht l-artiklu 82A huwa dak ta` Norma Lowell fejn dina l-Onorabbli Qorti kienet sabet car illi kien sar diskors pubbliku b' udjenza permezz ta` liema kien jidher car fejn ried iwassal l-imputat f' dawk il-proceduri. Il-kaz odjern huwa ferm differenti minn dak ta` Norman Lowell u dana billi l-appellanti ma ta l-ebda diskors pubbliku b' udjenza fejn esprima xi sentiment ta` odju fil-konfront ta` nies ta` certu generu izda semplicment kellu argument ma` zewg nisa li inzertaw kienu Nigerjani. Jonqos ghalhekk kompletament l-element intenzjonali tar-reat u l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet certament zbaljata li ssib htija tat-tieni akkuza migjuba kontra l-appellanti.

1.6. L-Ewwel Onorabbli Qorti dehrilha u dan sabiex tiddezumi l-mens rea li kellha tirreferi ghall-fatt illi dak il-hin kien hemm nies ohra jistennew biex jinqdew u nies

ohra ghaddejjin barra t-triq u li ghalhekk skont l-Ewwel Onorabbli Qorti inholqot probbabilita` ta` mibgheda u /jew vjolenza razzjali. L-appellanti ma jistghax jaqbel u dan ghaliex il-Ligi skont l-artikolu 82A tehtieg illi wiehed iqies ic-cirkostanzi kolha tal-kaz. Apparti l-fatt li l-appellanti ma kellu l-ebda intenzjoni li jqajjem mibgheda razzjali huwa jghid illi f' kull kaz ma holoq l-ebda probabbilta` f' dan is-sens .Dan qieghed jinghad ghaliex mil-filmat ezebit u hawn fuq imsemmi, jidher bic-car illi l-persuni prezenti bl-ebda mod ma involvew ruhhom fl-incdent, id-diskors kien ftit u inghad fil-bidu ta` l-incident. Meta iz-zewg nisa u l-appellanti gew fl-idejn kull min kien prezenti baqa` jhares b' idejh fil-but bla ma jiehu l-ebda tip ta` azzjoni.

1.7. Ghaldaqstant, l-appellanti jghid illi huwa ma kellux jinstab hati tar-reat kontemplat mill-artiklu 82A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**2. It-tieni aggravju**

2.1. It-tieni aggravju ta` l-appellanti huwa fis-sens illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet ghal kollox zbaljata u errata fl-apprezzament tal-fatti tal-kaz migjub quddiemha kontra l-appellanti.

2.2 L-appellanti huwa ben konxju mill-fatt illi dina l-Onorabbli Qorti bhala Qorti ta` revizjoni ma tiddisturbax leggerment l-ezami ta` apprezzament tal-provi illi jkun sar mill-Ewwel Onorabbli Qorti u dana sa kemm ma tirrizultax xi raguni impellenti.

2.3. Fil-kaz odjern, l-appellanti jsostni illi jezistu ragunijiet gravi u impellanti li jwasslu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex terga tarbel il-provi mill-gdid u tasal ghall-gudizzju taghha.

2.4 L-ewwel raguni il-ghala l-appellanti jasserixxi illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi migjuba quddiemha huwa l-fatt rikonoxxut

mill-Ewwel Onorabbli Qorti stess (fis-sentenza appellata) li l-verzjonijiet moghtija miz-zewg nisa meta mqabbla ma` dik moghtija mill-appellanti huma kunfliggenti. L-appellanti huwa wkoll konxju mill-fatt illi mhux kull kulflitt tal-provi ghandu jwassal ghall-liberatorja ta` l-akkuza a bazi tal-massima in dubbio pro reo u li il-Qrati Kriminali jistghu wara li jaghmlu id-debitu apprezzament tal-provi jaslu sabiex jemmnu verzjoni u mhux ohra. B' referenza partikolar ghal dak illi jirrigwarda l-kaz odjern, l-appellanti jirrileva s-segwenti:

(i) Wahda mill-provi li rreferit ghalihom l-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex tipprova tirrizolvi l-kunflitt hi senjatament ix-xhieda ta` Anthea Marsala, fis-sens illi hija kkonfermat li l-appellanti qal certu kliem fil-konfront taz-zewg nisa. Din hija ghal kollox irrelevanti billi l-appellanti stess kien sincier u genwin bizzejjed ili ammetta kemm fl-istqarrija kif ukoll fix-xhieda li ta quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti li qal certu kliem. Indubbjament, mil-filmat hawn fuq imsemmi jidher b' mod car illi huwa gie indirizzat b' mod arroganti u aggressiv miz-zewg nisa li ggestikulaw hafna fil-konfront tieghu b' idejhom.

(ii) Ghal dak illi jirrigwarda d-dinamika ta` dan l-incident, l-Ewwel Onoabbli Qorti ghalkemm kienet korretta li rreferit ghall-filmat li juri bic-car x' gara gewwa l-istabbiliment ta` Coppini, ghamlet apprezzament ghal kollox hazin ta` tali filmat. Minn tali filmat, kontrarjament ghal dak li qalet l-Ewwel Onorabbli Qorti, jirrizulta illi l-aggressjoni bdiet b' mod verbali da parti taz-zewg nisa, kompliet x' hin Riches bdiet tiddiehaq bl-appellanti u immedjatament wara ghaddiet minn hdejh tolqot mieghu ghal ta` l-apposta hi u ghaddejja biex imbghad x' hin ipprotesta ruhu ghal dan il-kuntatt fiziku hi kienet pronta taghtu daqqa ta` handbag bil-qawwa kolha go nofs wiccu u l-allegata vittma bdiet taghtih u zzommu minn wara sakemm it-tnejn li huma infexxew jaghtuh kemm jifilhu u jcartulu hwejgu minn fuqu. L-appellanti ghalhekk jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tara hija stess b' reqqa l-istess filmat u b' hekk tkun tistgha tistabilixxi illi d-dinamika ta` l-incident kif rakkontata mill-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata ma hijiex wahda korretta.

(iii) Minghajr pregudizzju ghal dan kollu minn analizi akkurata tax-xhieda moghtija miz-zewg nisa jirrizultaw inkonsistenzi u kontradizzjonijiet kbar mal-fatti kif graw. L-appellanti jirrileva s-segwenti:

a. L-Ewwel inkonsistenza hija wahda li rrilevat l-Ewwel Onorabbli Qorti stess fil-footnote bin-numra 4 tas-sentenza appellata. Din l-inkonsistenza tikkonsisti fil-fatt illi filwaqt illi Riches cahdet bl-aktar mod kategoriku illi hija b' xi mod uzat umbrella sabiex issawwat l-appellanti matul il-kollutazzjoni mertu ta` dina l-kawza, il-filmat juri bic-car illi l-imsemmija Riches matul dan l-incident dahlet u harget aktar minn darba mill-istabbilitment ta` Coppini fejn bil-kalma kollha tidher taqbad ghal umbrella tnejn u tohrog bihom sabiex hija taggredixxi lill-appellanti.

b. M' huwiex veru illi Riches kienet qeghda mat-tarbija jew izzomm lit-tarbija matul l-incident. Kuntrarjament ghal dak illi hija xehdet f' dan is-sens matul l-udjenza ta` nhar id-19 ta` Docembru 2014 fil-filmat matul il-gieda Riches tidher car illi hija kienet biss mohhha biex issawwat lill-appellanti kemm fizikament b' idejha, kemm bil-handbag kif ukoll bl-umbrelel minghajr ma taghti l-icken kaz li t-tarbija li tul il-hin kollu kienet wahedha fil-pram. Ghalkemm wiehed jistgha jargumenta li dan mhuwiex fatt materjali li jincidi fuq l-incident de quo, tali gideb bil-gurament jinfluwixxi hafna fuq dik li hija krebidilita` taz-zewg nisa li jidher li riedu juzaw lit-tarbija sabiex jigbdu s-simpatija tal-Qorti lejhom.

c. In-nuqqas assolut da parti tal-ufficjal prosekutur u l-ufficjali investigattivi tal-Pulizija li jipproducu bhala xhieda indipendenti u pajzana li kienu prezenti fuq il-post ta` l-incident u dana mhux biss kif stqarr l-istess ufficjal investigattiv izda kif jidher mil-filmat stess kien hemm diversi xhieda pajzana prezenti li b' idejhom fil-but u sintendi b' kurzita` raw bicca bicca x' gara matul l-incident kollu. L-appellanti hawn jirrilvea u jinfesizza illi n-nuqqas ta l-ufficjal investigattiv ma kienx biss illi ma ressaqx lil tali xhieda pajzana bhala xhieda f' dina l-kawza izda naqas ghal kollox milli anki semplicement jehodilhom id-dettalji jew konnotati taghhom. Huwa inawdit illi f' incident kwalsiasi ahseb u ara tal-portata ta` dak tal-kaz in ezami, l-

ufficjal investigattiv jonqos milli jiehu l-konnotati u jtella` bhala xhieda nies indipendenti li assistew x' gara b' mod ghal kollox indipendenti u li ghalhekk jistghu jghinu fir-ricerka tal-verita`.

d. In-nuqqas assolut l-iehor ta` l-ufficjal investigattiv u anki ta` l-ufficjal proskutur illi mill-istabbiliment ta` Coppina jigu elevati wkoll il-filmati ta` cctv cameras li invarjabbilment stabbilimenti simili ikollhom barra l-hanut ghar-ragunijiet ta` sigurta`. L-ebda skuza f' dan ir-rigward ma tistgha tkun ta` suffragju ghal dan in-nuqqas da parti tal-Pulizija ghaliex b' tali filmati biss setgha jigi stabbilit pass b' pass b' certezza x' gara barra mill-istabbiliment ta` Coppini.

e. In-nuqqas totali da parti tal-ufficjal prosekutur li jiehu kwalsiasi passi kontra z-zewg nisa ghall-agressjoni brutali da parti taghhom fuq l-appellanti dwar liema aggressjoni in atti hemm ic-certifikat mediku ta` Dr Thea Chetchuti kif ukoll ir-relazzjoni ta` Dr Mario Scerri. L-ufficjal prosekutur warrab hafif tali obbligu impost fuqu mil-Ligi meta mistoqsi in kontro ezami meta huwa qal li fl-opinjoni tieghu kien l-appellanti li pprovaka l-incident. Dwar dawn hemm hafna x' wiehed jghid ghaliex il-Kodici Krimiali xorta wahda jikkontempla bhala reat kontravvenzzjonali kull min minkejja li jkun ipprovokat, jingurja b' mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 339 (1) (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

f. Illi punt li gie ghal kollox skartat mill-Ewwel Onorabbli Qorti kien li l-allegata vittma certament ma qalitx il-verita` kollha lill-Qorti. Illi minkejja li gie stabbilit mid-dentist Dr John Vella Bardon li l-allegata vittma kienet tbghati minn marda genetika li twassal lill-istess sabiex titlef snienha, xorta wahda l-allegata vittma naqset kompletament milli tixhed fuq dan il-punt tant krucjali fix-xhieda taghha. Iktar minn hekk l-istess allegata vittma attribwiet il-htija tat-telf ta` snienha kompletament lill-appellanti. Minkejja li l-Ewwel Onorabbli Qorti hadet in konsiderazzjoni ix-xhieda siewja tad-dentist xorta wahda ma tatx piz ghan-nuqqas ta` sincerita` li wriet l-

allegata vittma fid-depozizzjoni taghha u t-telf ta` kredibilita` o meno li dan in-nuqqas igib mieghu.

g. Illi ghandu jigi ukoll rilevat illi t-tip ta` griehi sofferti mill-appellanti hekk kif iccertifikati bhala gravi kemm mit-tabiba tal-poliklinika Dr Thea Chetcuti kif ukoll l-espert mahtur mill-Qorti Dr Mario Scerri juru bic-car li l-griehi sofferti minnu huma kompatibbli ma` aggressjoni fuqu li garrab mill-istess allegata vittma u sehbitha. Illi iktar minn hekk, l-istess u l-unici zewg ritratti li jindikaw kif zvolga l-incident barra mill-istabbiliment ta` Coppini migbuda mis-siehba ta` l-allegata vittma juru bic-car li l-appellanti ma kienx qieghed jaggredixxi l-allegata vittma izda jipprova jahrab mill-agressjoni taghha u mil-morsa ta` idejha u ta` sniena li sahansitra jidhru fuq il-parti intima tieghu.

2.5 F' dan l-assjem ta` provi u f' dawn ic-cirkustanzi kollha mhux talli ma` jirrizultax li l-incident zvolga ghall-konkluzjoni li waslet ghalihom l-Ewwel Qorti izda talli certament jirrizulta li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet zbaljata fl-apprezzament tal-provi. Kuntrarjament, jidher bic-car li kien l-appellanti li safa` l-vittma tal-aggressjoni indirizzata fil-konfront tieghu u b' hekk id-dinamika ta` l-incident kif waslet ghalih l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet kompletament zbaljata. F' kull kaz u minghajr pregudizzju ghal dan, dawn id-dubbji u n-nuqqasijiet kollha certament jeskludu il-konvinciment morali mehtieg ghal sejbien ta` htija li aktar u aktar ghal sejbien ta` htija b' inflizzjoni ta` piena karcerarja effettiva.

2.6 Illi fl-assjem ta` dan kollu l-appellanti jikkontendi li huwa qatt ma kellu jinstab hati ta` l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u dan ghaliex johrog bic-car fil-kliem semplici tieghu li huwa kull ma ghamel kien li ddefenda ruhu ghall-attakk subit minnu.

**3. It-tielet aggravju.**

3.1. It-tielet aggravju jikkonsisti fil-fatt illi l-appellanti jikontendi illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet assolutament zbaljata meta dehrilha li x' hin giet biex taghti l-piena fir-rigward tal-griehi hfief sofferti mill-allegata vittma hija kellha tapplika l-Artiklu 222 A (2) ghar-rigward ta` zieda fil-piena.

3.2. Dan l-arikolu jghid dan illi gej:

(2) Il-pieni stabbiliti fid-dispozizzjonijiet ta' qabel ta' dan is-sub-titolu ghandhom ukoll jizdiedu minn grad sa zewg gradi meta r-reat ikun aggravat jew motivat fuq bazi ta' generu, identità tal-generu, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, nazzjonalità jew origini etnika, cittadinanza, religjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni ohra fi hdan it-tifsira moghtija f' dawn is-subartikoli li gejjin.

3.3. Fil-kaz odjern huwa aktar milli evidenti li l-allegat reat anke jekk dina l-Onorabbli Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi tassew sehh, ma kienx aggravat jew motivat fuq bazi ta` generu, identita` tal-generu, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, nazzjonlita` jew origni etnika, cittadinanza, religjon jew twemmin jew opinjoni politika` jew xi cirkustanza ohra kontemplata fl-istess artiklu.

3.4. Huwa aktar milli car illi l-kaz odjern kien wiehed fejn inholoq divverbju bejn zewg nisa li dehrilhom li ghandhom jiehdu l-hin b' certu kummdita` sabiex jinqdew u l-appellanti, bniedem li jbghati b' anzjeta` u li fil-mument partikolari kien anzjuz sabiex jiehu l-kelb ghand il-veterinarju. Fuq kollox, il-motivazzjoni ghaliex inholoq l-incident kemm verbali u kemm x' hin iz-zewg nisa u l-appellanti gew fl-idejn, ma kienx wiehed dovut ghall-fatt illi z-zewg nisa huma ta` nazzjonalita` Nigerjana.

3.5. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appellanti jsostni illi dina l-Onorabbli Qorti taqbel jew ma taqbilx ma` l-aggravju tieghu rigward is-sejbien ta` htija taht l-ewwel imputazzjoni dedotta, dina l-Onorabbli Qorti ghandha thassar dik il-parti tas-

sentenza appellata li permezz taghha gie applikat fil-konfront tieghu l-artiklu 222A (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**4. Ir-raba` aggravju**

4.1. Ir-raba` aggravju huwa dwar il-piena.

4.2. B′ lealta l-appellanti jirrileva illli huwa m′ huwiex qed jappella mis-sejbien ta` htija fir-rigward tat-tielet imputazzjoni u dan ghaliex huwa ma jistghax jichad illi matul il-kollutazzjoni huwa ghajjat xi ftit u nholoq certu dizordni li certament iwassal ghal sejbien ta` htija taht tali imputazzjoni. Fl-istess waqt pero` ma jistghax ma jirrilevax illi bl-istess mod u ghall-istess ragunijiet kieku imputati bl-istess akkuza anki z-zewg nisa kienu jinstabu hatja ta` l-istess akkuza.

4.3. Kjarifikat dan il-punt qieghed hawn permezz ta` dan ir-raba` aggravju tieghu jilmenta mill-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti u dan in kwantu

(i) Fl-ewwel lok u kif gja hawn fuq rilevat, ma kienux jikkonkorru c-cirkustanzi ghall-aggravanti kkontemplati mill-artiklu 222A (2).

(ii) Fi kwanukwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa altru milli evidenti illi l-piena erogata hija wahda ferm eccessiva tenut kont tal-fatt illi l-griehi sofferti mill-allegata vittma kienu hfief. Ta` bilhaqq huwa x′ aktarx illi l-griehi li sofra l-esponenti huma ta` aktar gravita` tant illi kellu bzonn il-butterfly stitches fuq ghajnejh. Anki kieku dina l-Onorabbli Qorti kellha ssib htija fl-appellanti li huwa kkaguna griehi ta` natura hfief lill-allegata vittma, xorta wahda tali griehi m′ ghandhomx iwasslu ghall-kundanna ta` priguneirja effettiva.

(iii) Minghajr pregudizzju ghal dan, anki kieku stess dina l-Onorabbli Qorti kellha ssib htija fl-appellanti ghal dak illi jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, certament ma jezistux l-estremi sabiex tigi inflitta piena karcerarja. Il-kaz klassiku ta` Norman Lowell fejn diskors pubbliku li setgha jigi facilment klassifikat u indentifikat bhala hate speech ma giex punit b' piena karcerarja izda permezz ta` multa u sentenza sospiza.

Il-kaz odjern certament lanqas bl-iktar mod remot ma jistgha jitqies serju u gravi daqs il-kaz hawn fuq imsemmi.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-7 ta' Mejju, 2019.

Ikkunsidrat.

Illi l-aggravji tal-appellant huma in sintesi erbgha (4) ghalkemm forsi f'ordni divers u cioe:-

i. Li l-ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi u konsegwentement waslet ghall- gudizzju hazin.
ii. Li l-fatti specie tal-kaz ma jammontawx ghal dak dispost fl-artikolu 82A tal kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.
iii. Li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta tat il-piena fir-rigward tal-griehi hfief sofferti mill-allegata vitma meta applikat l-artikolu 222A (2) ghar-rigward ta' zieda fil-piena.
iv. Li l-piena li inghatat f'din is-entenza kienet wahda eccessiva u dik l-Qorti ma messitx tat piena ta' prigunerija.

Ikkunsidrat.

In primis, jinghad li hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni

fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kienitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista jara s-segwenti sentenzi:

i. **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**[1]
ii. **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**[2]
iii. **Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul**[3]
iv. **Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech**[4]
v. **Il-Pulizija v. Carmelo Schembri**[5]
vi. **Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed**[6].

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni il-Qorti ghandha tesamina l-atti processwali kollha qabel ma tghaddi biex tesamina l-aggravji tar-rikorrenti u taghmel analizi taghhom.

Ikkunsidrat.

Nhar id-19 ta' Dicembru 2014 xehdet **WPS 274 Francesca Quattromani** u spjegat li fl-10 ta' Dicembru 2014 ghall-habta tal-hdax u kwart kienet x-xoghol l-ghassa tal-Qawra u giet infurmata mill-Control room li fi Triq Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar kien hemm argument bejn mara u ragel u r-ragel kien qed isawwat mara u dan fl-istabiliment W&J Commini and Co Foreign Exchange . Hija flimkien mal-pulizija tal-ghassa u ma membri tal- RIU marru fuq il-post fejn sabu lil Joseph Apap li kien gja mgharuf maghhom li kien fuq mara ta' gilda skura fejn dan kien qed itiha bil-pon. Hija ordnat lill-puliizija tal RIU biex iwaqfuh, dawn hekk ghamlu u dahluh fil-karozza tas-servizz u eskortawh lejn l-ghassa tal-pulizija tal-Qawra. Din il-mara giet identitfikata sussegwentement li hija l-persuna ta' Faith Jezz Mohammed.

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta Frar 1989
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta Mejju 1991.
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it- 12 ta Mejju 1994
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-6 ta' Gunju 1994
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-28 ta' April 1995
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-3 ta' Novembru 1995.

Spjegat li setgha jigi notat li Faith Jezz Mohammed kellha demm ma wiccha u xi snien neqsin minn halqaha. Hija kelmitha u din qaltilha li kienu qedin isarfu xi flus biex tibghathom l'ommha fl-Afrika fejn Apap beda ighidilha biex tghaggel ghax ried isarraf ic-cheque tieghu. Hija qaltlu li daqt kienu lesti u hu beda ighajjarha ' *niggers, suwed, go back to your country, you are not welcome in Malta*." Fil-pront indahlet il-habiba taghha Riches u kkalmat is-sitwazzjoni. Waqt li Faith u Riches kienu hergin mill-hanut inqala' argument iehor din id-darba bejn Apap u Riches u din id-darba indahlet Faith biex twaqqaf l-argument. Apap qabad itiha bil-ponn u gerbibha ma l-art u baqa' itiha waqt li kienet ma l-art fejn anke ma l-art gie innutat li kien hemm xi demm kif ukoll sinna minn tal-vitma .

Minn hemmhekk huma cemplu ghall-ambulanza biex tigbor lil Faith u din ittihdet lejn l-isptar u appena waslet l-ghassa infurmat li Apap kien taht arrest .

Mistoqsija jekk kienx hemm xi nies ohra li s tghu raw l-incident tghid li kien hemm pero dawn riedu jibqghu anonimi. Dawn stqarrew li kien Joseph li beda ighajjar lin nisa ' niggers', suwed fost kliem ohra kif ukol li kien hu li beda jghati lil Faith. Hija esebiet ir-rapport tal-incident li gie market bhala dok FG1.

In kontro esami tghid li Apap kellu ukoll xi feriti u fil-fatt ittihedet il Heah Centre tal Mosta biex jara tabib. Dan kellu xi grif u meta staqsiet lil Faith dwarhom qaltilha li kemm il-darba ipprovat tnehhi lil Apap minn fuqha. Mistoqsi jekk kellux xi butterfly stick fuq ghajnejgh wiegbet li ma rat xejn minn dan.

In kontro esami nhar il-15 ta' Frar, 2016 tghid li meta marret fuq il-post kien hemm zewg pulizija tal- RIU u kienet hi li l-ordnat li l-akkuzat jittihdet l-ghassa ghaliex kien taht arrest. Tghid li fuq il-post kien hemm zewg barranin u wahda minnhom kienet qed tigi aggredita dak il-hin li waslet hi. Kien hemm Faith ma l-art f'nofs ta triq u l-akkuzat fuqha qisu fuq ziemel. Il-mara l-ohra kienet ma genb *push chair* b'tarbija twerzaq sabiex l-akkzuat jinqala' minn mal-habiba taghha. Kif bdiet il-glieda ma tafx pero ghaliex ma kienitx hemm. Mistoqsi jekk kienx hemm xi nies barra tghid li kien hemm pero ma riedux jixhdu riedu jibqghu anonimi. Misotqsija jekk kienitx taf li fuq barra tal–hanut kien hemm CCTv camera tghid li ma tafx ghaliex lilha qalulha li kien hemm wahda biss gewwa li tahdem. Mistoqsija

tiddeskrivi l-agir tal-akkuzat tghid li kien ghar- rkuptejh fuqha itiha bil-ponn u hija kienet wiccha 'l fuq .

**Faith Jezz Mohammed** xeheet bil-lingwa Ingliza nhar id-19 ta' Dicembru, 2014 u kkonfermat li kienet marret biex tibghat xi flus lill-ommha l-Afrika li kienet marida. Meta waslet hemm setenniet fil-kju. Pero waqt li kienet hemm harbet harba lejn l-ispizerija biex tixtri xi halib ghall-baby taghha pero meta irritornat lura sabet lil kaxxiera taghmel it transazzjoni taghha. Warajha kien hemm zewg nisa u l-akkuzat li gharfet fl-awla li ma kienx fil-kju. Qalet li meta dahal fil-hanut beda ighid " *hey hey hurry up hurry up, its just not you, its just not you, you fucken black, you are fucken black.. taking money to your country*." Tghid li ma wegbitux izda dan kompla bl-abbuzi u qaltlu biex jikkalma ghaliex daqt kienet sejra. Kien hemm il-habiba taghha li staqsietu ghaliex kien qed ighamle hekk u li hu huwa persuna bajda waqt li huma kienu suwed u li huma poplu wiehed u staqsietu ghaliex kien qed jinsulentha. Qaltlu li meta jispicca seta jitlaq u ma kienx hemm ghalfejn jikkreja dawn il-problemi u talbet lil habiba taghha biex thalih u ma tatix kazu.

Dak il-hn waqt dan id-diskors kienet ghada ghaddejja bit-transazzjoni taghha u bintha bdiet tibki u ghalhekk talbet lil habiba taghha tiehu hsieb il-baby taghha u meta kienet hdejn il-baby u ghaddiet min hdejh dan imbuttaha u refa idejh biex jaghti u hija staqsietu ghaliex kien ser ihebb ghaliha u biex jieqaf. Qalet li taha daqqa fuq mohha. Hija kompliet bit transazzjoni taghha u tghid li ma kellhiex mohhu ghaliex ommha kienet marida u ghalhekk iddecidiet li tinjorah . Il kaxxiera talbitha tiffirma xi karti u meta marret hdejn il-baby ghax bdiet tibki Apap minn imkien mar hdejha u imbuttaha u laqtet rasha ma l-art u telgha fuqha u beda itiha bil-ponnu kellha hafna dmija fuq halqha u talbet lil habiba taghha iccempel lill-pulizija.

Qalet li appena waqghet ma l-art minnufih beda tnixxi id-demm u s-sinna waqghet u meta rat dan id-demm ma felhitx tiggieled ma dan ir-ragel u beda itiha kemm jiflah u jghidilha li kien ser imur igib pistola u wegbitu li jekk ried joqtolgha ghax kellha il-karnaggjon taghha iswed , ma kellhiex problema. Tghid li baqghet izommu sakem gew il-pulizija u huwa ipprova jahrab izda zammitu u kaxkarha ma l-art fit-triq u meta l-pulizija waslu sabuh fuqha jaghti. Mistoqsija jekk kienitx tafu minn qabel tghid li le u li wasal fil-hanut meta kienet qed tigi moqdija mill-kaxxiera. Spjegat li dakinhar stess hadet erbgha ritratti waqt li kienet l-isptar bil-mobile taghha li esebiet

u li gew markati bhaal dok FM1. Ikkonfermat li tilfet zewg sinniet waqt l-incident u n-nurse nehhietilha sinna ohra. Qalet li sabiex tirranga snienha kellha thallas is-somma ta' sitt elef euro (€6,000).

Fit-28 ta' Novembru ix-xhud xehdet in kontro esami kkonfermat li meta telqet tixtri mill-ispizerija l-habiba taghha Riches qadet fil-kju flokha. Ikkonfermat li l-kaxxiera kienet mara u li Apap beda ighajjat quddiem hafna nies u kien meta hija qalet lil Riches biex tattendi lil bintha ta' erba' xhur li inqala l-incident fiziku ghaliex ghaddiet minn quddiem l-akkuzat u dan imbuttaha u refa idejh biex itiha u hija qaltlu " *hey stop it, why are you hitting her*". Qalet li lil habiba qaltilha biex ma tatix kazu ghax donnu ried jaqla l-inkwiet u hija kient interessata biss li tinqeda u tmur tkompli ma bintha. Tghid li Riches ma kientix rrabjata u l-akkuzat kien qed juza kliem provokattivi u Riches staqsietu ghaliex kien qed jghid dawk il-kliem bhal "*you fucking black Alfrica, you monkey..*"kliem aggressivi. Mux vera dak li gie allegat li Riches insulentatu b'Malta. Mux vera lanqas li meta beda l-ncident hi u riches qabzu fuq l-akkuzat. Qalet li meta ittenta jaghti daqqa lil Riches hija kienet bil-baby taghha f'idha u ghalhekk kellha tintervjeni biex tisseparahom . Riches fl-ebda hin ma qaltlu kliem aggressiv ghaliex l-inkontru kien bejnha u bejn lakkuzat. Fl-ebda hin pero ma Riches tat xi daqqiet.

**Riches Omonefe Odige** xehdet bi-lingwa Ingliza fid-19 ta' Dicembru, 2014 u kkonfemrat li kienet prezenti meta l-habiba taghha kienet involuta f'incident meta marru biex jibghatu xi flus l-Afrika. Spjegat li kienet qed izomm it-tarbija taghha sakemm marret tixtri xi haga u meta giet lura kien hemm kju. Malli messa marret biex tinqeda u baqghet izzomm it-tarbija taghha. Warajhom fil-kju kien hemm zewg min nies ohra u minn wara l-akkuzat beda jghajjat '*what are you still doing? You have to get out of there do you understand?*' Dak il-hin wegbitu u qaltlu biex jiehu pacenzja ghaliex il-habiba taghha kienet ghadha ma inqditx. Dan wegibha '*fuck you have patience for what..*" zied ighid " *There are still many people in the queu and you are taking all the money to your country and you..people go back to your contry blab la bla.* ' Anke il-kaxxiera waqfitu. Il-habiba taghha qaltilha biex ma tkelmux. Dakil-hin it tarbija regghet bdiet tibki u marret biex tara x'kellha bzonn u ghaddiet minn quddiemu ghaliex kien qed ighattilha l-vista. Dak il-hin imbuttaha vicin tat-tarbija u kwazi waqghet ghal fuqha. Dak il-hin ir-ragel avvicinha u ghalhekk kellha ixejjer b'idha

ghaliex kienet taf li kien ser jaggrediha u dak l-hin beda jimbuttaha. Il-habiba taghha giet hdejha u l-akkuzat qabad lil habiba taghha u kaxkarha 'l barra . Taha daqqiet f'rasha ma l-art u beda jiggieled mal-habiba taghha. Huma bdew jghajtu u jibku sabiex jitlaqghom pero fl-istess hin marret tigri lejn it-tarbija ghaliex kienet ghadha qed tibki. Bdiet tghajjat l-ghajjut u kulhadd beda ihares izda hadd ma ghenhom. Il-habiba taghha qaltilha biex iccempel lill-pulizija u hekk ghamlet u daret fuq in-nies u talbithom l-ghajnuna u biex iwaqfu lill-akkuzat mill-agir tieghu. In-nies ukoll bdew iwaqfuh. Hija avvicinatu bil-baby f'idha u reggha qabez ghal fuqha.

Meta il-pulizija waslu fuq il-post hija kienet qed tghidlu biex jitlaq lil habiba taghha ghaliex kien ser joqtolha u dan wegibha " *I hate you blacks, I am going to kill you*" u meta il-habiba taghha kienet qed izomm dan ir-ragel mili jahrab minn fuq il-post dan qallha li kien ser igib pistola u jisparalha. Dak il-hin il-habiba taghha qalet li li kien ok jekk tmut almenu l-pulizija jarawha hekk kif kienet mimlija demm. Tghid li l-habiba taghha kienet dghjafa u beda itiha fuq rasha kullimkien u ikaxkarha. Bdiet tghid lill-habiba taghha biex thalli lil dan ir-ragel jitlaq u tiehu ritratt tieghu u b'hekk il-pulizija ikunu jistghu isibuh pero appena hadet ir-ritratt waslu l-pulizija fl-istess posizjoni meta hadet ir-ritratt tieghu. Qabdu il dan ir-ragel minkejja li xorta ipprova jiggieled mal-habiba taghha u akkompanjaw lil dan ir-ragel lejn il-van u ghajtu ghall-ambulanza ghall-habiba taghha. Dak il-hin il-habiba taghha kienet dghajfa hafna u lanqas ma setghet tibbrestfidja. Hija esbiet ir-ritratt li hadet ta' dan ir-ragel li gie markat bhala dok RO1 u gharfitu bhala l-akkuzat prezenti . Mistoqsija jekk kientix tafu qabel twiegeb fin-negattiv.

Rat id-digriet ta' l-ewwel Qorti kif verbalizzat fl-atti nhar l-11 ta' Dicembru 2014 u cioe fil-jum tal-prezentata fejn il-Qorti kienet innominat lil Dr Mario Sceri sabiex jezamina lill-imputat. Nhar l-4 ta' Marzu, 2015 xehed Dr. Mario Scerri kkonferma li ezamina lill-akkzuat waqt li kien detenut fil-Facilta Korrettiva ta' Kordin nhar il-11 ta' Dicembru 2011. Jghid li dan kellu abbrazzjonijiet madwar l-ghonq li kienu kompatibbli ma grif. Kellu abbrazzjonijiet fuq il-kappell ta' l-ghajn il-leminija u fuq in-naha tal-leimin tal-wicc ukoll kompatibbli ma grif. Kellu abbrazzjonijiet superjuri ukoll kompatibbli ma grif, abbrazjonijiet fuq is-sider u fuq iz-zaqq ilkoll komparaibbli ma grif. Il-lezjonijiet kienu kollha ta ntura hafifa. Huwa esebixxa ir-relazzjoni tieghu li giet markata bhala dok MS1.

In kontro esami nhar is-16 ta' Dicembru 2017 kkonfermat li meta ghaddiet minn hdejh , imbuttaha vicin it-tarbija u harget idejha biex tilqa' milli taqa' fuqha u rat li l-akkuzat baqa' jghajjat u javvicinha. Mistoqsija jekk dak il-hin hija u Faith qabzux fuq l-akkuzat tghid li le u fl-ebda hin ma qabdu ituh. Meta ghaddiet minn mieghu u taha daqqa hija tatu daqqa lura ghaliex hasbet li kien ser javvicina il-baby Tghid li hija fl-ebda in ma spiccat ma l-art. Kienet l-habiba taghha li kiente f-idejn mal-akkuzat hija qadet mal-baby. Taf li marret sabiex tghin lill-habiba taghha u l-akkuzat taha daqqa ta' ponn u il-habiba qaltilha biex itlaq 'l hemm u ccempel lill-pulizija u hekk ghamlet. Qalet li meta beda ighati lilha il-habiba taghha giet u tatu xi daqqiet ukoll biex tghin lilha u forsi ihalliha. Qalet li ta bil-ponn lit- tnejn li huma tant li anke hi spiccat bit tbengil fuq rasha. Mistqsija jekk kellhiex umbrella tghid li ma kellhiex pero taf li xi hadd kellu. Mistoqsija jekk f'xi hin uzat l-umbrella f'dan l-incidet tghid le u ma tafx jekk Fiath uzatix. Mistoqsija jekk f'xi hin l-akkzuat qalilha biex ma tweggghux jghid li le fl-ebda hin .

Nhar l-4 ta' Marzu 2015 xehdet **Anthea Marsala** u spjegat illi hija tahdem ma W&J Coppini and Foreign Exchange Bureau Bugibba. Ikkonfermat li fl-10 ta' Dicembru 2014 kienet qed taqdi zewg persuni nisa ghall-habta ta' l-ghaxra u nofs ta' filghodu u kien hemm l-akkuzat fil-kju. Tghid li dawn kienu barranin u wahda minnhom dik li kienet qed taqdi kien jisimha Faith. Dak il-hin l-akkuzat li gharfet fl-awla beda ighidilhom biex jghaglu u huma qalulu biex jistenna u kul ma kien ghad fadlilhom kien li jiffirmaw jigifieri u minn hemm beda jghidlhom kliem hazing bhal '*Fuck you black niger'*.

Imbaghad qisu kien hemm mument ta' kwiet u wahda minnhom qasmet ghan naha l-ohra tal-hanut ghaliex kelha il-baby hemmhekk u kellha taffacja lilu peo x'gara minn hemmhekk il-quddiem ma tafx ghax kul ma semghet kien ghajjat u l-glieda kompliet barra u marret tghidilhom biex icemplu lill-pulizija .

**Dr Thea Chetcuti** xehdet nhar il-15 ta' April 2015 u kkonfermat li kienet esaminat lil Joseph Apap nhar l-10 ta' Dicembru 2014 ghall-habta tal- hamsa neqsin kwart ta' filghaxija u sabet li kellu diversi grif , brix u hmura u tbengil u murija id dokument markat bhala dok MC 3 a fol 14 tghid li dan hu c certfikat rilaxxjat minnha u qalet li kienet ikklasifikat il-ferita ta' natura gravi peress li il-ferita li kellu fuq in-naha tal-mohh kellha bzonn punti tal-karti u dan ghaliex tali ferita setghet thalli marka.

l-allura **Spettur Maruice Curmi** xehed nhar il-15 ta' April 2015 u kkonferma li l-pulizija tal- ghassa tal- Qawra kient giet mghajta biex tinvestiga kaz fejn kien hemm mara ta' nazzjonalita barranija ma l-art taqla' id-daqqiet minghand ragel. Jghid li l-mara kellha wiccha mimli bid-demm u li kienu inqalghu xi snien u kienu ma l-art . Issejhet ambulanza u din il-mara ittihdet l-isptar ghat-trattament.Fuq il-post kien hemm mara ohra ta' nazzjonalita Nigerjana u minn investigazzjoni mizmuma irrizulta li kienet maghha meta kienu marru isarfu xi flus fil Foreign exchange ta Coppini. Qal li irrizuta li l-akkuzat kien hemm fil-kju u f'xi hin inqala battibek tant li anke beda ighajjarhom ' *you niggers go back to your country'*. U dan spicca ighati bl-idejn u l-mara spiccat ma l-art u l-ohra pprovat tikkalma is-sitwazzjoni u anke sejhet ghall- ghajnuna . Ir-ragel ingieb l-ghassa ghal aktar investigazzjoni u wara li inghata id-drit tieghu skond il-ligi dan irrinunzja ghad dritt tieghu li jkun assistit minn avukat u irrilaxja stqarrija li giet esebita u markata bhala dok MC 6 . Dan qallu fl-istqarrija li kien mar biex isarraf xi cheque tal- beneficcju u ra lil dawn iz-zewg nisa u qalilhom biex jghaglu ghaliex rid imur johrog il-kelba tieghu. Jghid li huma qalulu '*you motherfucker'* u huwa wegibhom *'you niggers go back to your country'*. Qal li Apap kellu xi griehi u ghalhekk gie mehud l-Health centre tal Mosta u l- ghada tressaq taht arrest il-Qorti.

Nelfrattemp jghid li akkwusta kopja tac-CCTV fejn deher l-incident jibda gewwa u jispicca barra u l-mara tidher mimduda ma l-art u hu qieghed fuqha itiha qieghed ghar- rkputejh hdejha. Dan ic- CCTV gie esebit u markat bhala dok MC7. Mistoqsi jekk ittihdux proceduri fil-konfront tan-nisa barranin jghid li le ma itihdux ghaliex dan kien kaz li kien gie purament provokat minn l-akkuzat.

In kontro esami nhar il-15 ta' Frar, 2016 jikkonferma li fuq il-post tal-incident ma marx u ghalhekk dak li stqarr kien minn dak li irraportawlu n-nies u minn dak li ra fil-filmat. Jghid li hu ma jistax jghid kif beda l-incident pero jaf li waqt li l-mara kienet qed tinqeda wara t-tieqa kien hemm kommossjoni bejn l-akkuzat u l-mara u waqt li n-nisa kienu hergin mill-hanut kien hemm xi kuntat fiziku u spiccaw barra it-triq jaghtu. Mistoqsi jekk jafx min kienu l-pulizja tal- RIU li marru fuq il-post jghid li ma jafx min kienu u ma hass li kien hemm bzonn iressaqhom bhala xhieda biex ighidu l-istess haga li qalet is-surgent. Ikkonferma li jaf li l-akkuzat spicca invistat l-isptar u kkonferma li Ray Coppini Direttur mis-socjeta Coppini ghaddielu CD

wahda dwar l-incident. Mistoqsi ghal darb ohra ghalie xma ittihdux passi fil-konfront tan-nisa jghid li mill-investigazzjoni mizmuma minnu irrizultalu li n-nisa kienu l-vitmi ta' dan l-incident . Mistoqsi jekk jafx min kenu n-ies li raw l-incident isehh ighid li le ma jafx min huma.

**Dr Maria Grech** xehdet nhar is-27 ta' Mejju 2015 u murija id-dokument market MC esebit fl-atti  a dol 15 tal process tghid li dan gie rilaxxjat minnha wara li kienet ezaminat lil Faith Jazz Mohammed u kkonfermat li l-feriti kienu ta' natura gravi u kkonfermt li l feriti kienu gravi minhabba il telf ta' sinna *lower left incisor*. Qalet li l-esami mediku sar fid-dipartiment tal- Emergenza  u qatt ma kienet rat din il-pazjenta qabel .

**Martin Coppini**, manager t W&J Coppini Co xehed fl-istess jum tas-27 ta' Mejju 2015 u muri id-dokument MC 7  a fol. 116 ighid li dik hija ic CD mehuda min nfuq is-sistema taghhom dwar l-incident li sehh fl-ufficcju ta Bugibba.

**Dr Stephen Farrugia Sacco** xehed fit-8 ta Lulju 2015 ikkonferma li fis-27 ta Mejju 2015 huwa kien gie nominat mill-Qorti sabiex ighamel kopja tad dokument MC 7 u biex johrog stills li jidhru relevanti ghal kaz . Huwa pprezenta is -Cd flimkien mar relazzjoni tieghu li gie markat bhala dok SFS 1.

Id-dentist **Dr John Vella Bardon** xehed nhar it-28 ta' Settembru, 2015 u kkonferma li kien ezamina lil Faith Jezz Mohammed fid-19 ta Dicembru 2014 u kienet qaltlu li kient qalet daqqa go wiccha u meta ezaminha kellha tlett sinniet neqsinu wahda imkisra li kellha tinqala.. Huwa issugerixxa li kellha tgheml bridge il tiwa tlett elef u sitt mija ( €3,600) . Huwa esebixxa chart progress notes li gw markati bhala dok VB1. Qal I huw abeda b'dan ix-xoghol pero waqaf fuq talba tal-pazjenta. Huwa esebixxa ritratt u tlett x rays li gew markati bhala dok VB2. Qal li meta ezaminha jaf li sab li kellha xi *bone loss* li jfisser li kienet tbaghti mill-mard tal-hanek li hija xi haga genetika . Qal li pero dawn it-tlett sinniet kien ilhom neqsin kwsitjoni ta' granet u dan ghaliex il-fjammazzjoni kienet wahda ricenti u dan billi hares lejn il-hanek u nnota li il-ferita li kien hemm kienet wahda ricenti. It-tlett sinniet nieqsa huma it-tlieta ta' isfel ta' quddiem. Qal li kul ma lahaq ghamel kien bridge tempranju tas snien t isfel . S'issa kul ma halset kien sitt mitt euro ( €600).

L-akkuzat **Joseph Apap** xehed fuq talba tieghu minkejja li ma kienx assistit u dan b'mod volontarju nhar it-23 ta' Novembru 2017 (fol. 238). Jghid li dakinhar kellu l-kelb tieghu German Sheperd b'nerv migbud. Spjega li dan il-kelb u l-mimmi ta' ghajnejgh u dak in-nhar kien ser jiehdu ghand il-Vet. Kellu cheque ta' sittin euro (€60) u mar biex isarfu . Qal li mar ghand Coppni biex isarfu u kien fil-kju u qablu kien hemm iehor u dahlet mara u qaltilhom taghmluli pjacir tqabzuni ghaliex ir-ragel tatu stroke u halliha taqbzu. Sadanitant kien hemm mara bi statura kbira li kienet qed issarraf xi flus u bdiet issaraf ghaliha u ghal habiba taghha li kienet maghha . Qal li lil din il-mara qalilha "*Don't fight with me, don't fight with me I know self defence.*" Qal li kellhom xi kwistjoni u bdew sejrin u gejjin. F'xi hin lit-tfajla li kienet irqiqa qallha '*Please hurry*' u hija wegbitu " *Fuck your mother you fucken racist*" u baqa' imbellah. Qallha '*racist because I am Maltese?*' F'xi hin ghaddiet il-mara irqiqa minn hdejh u jghid li tatu daqqa wahda b'spallitha u qallha " *Don't do it, don't do it*". U hi wegbitu "*Fuck you, fuck your mother, fuck your country*" u hu qallha " *Fuck your country, what are you doing here? U qallha " because yur country will shoot people like you.*" Jghid li ma qallha xejn hazin u it-tfajla irqiqa marret bl-umbrella biex issawwat u qallha '*don't fight with me don't fight with me*" u rega irrepeta li qalilha " *I know how to do self defence*"Dak il-hin ta side kick u jghid kemm baghtha mal-hajt . Fil-pront tmur l-ohra u tahtfu minn ghajnejh u qallha " *leave me alone, leave me alone…*" Xi hadd qallu '*int bahnan, dawk ha joqtluk, dawk tigri, dawn mhux bhalna Maltin fidili*" Jghid li dawk tigri minn Nigerja . Qal li nizlitlu qatra minn ma wiccu u b'difrejha go ghajnejh , thezzez snienha. Jghid li gja kellha sniena maqlugha . Qal I qallha '*Don't touch me* " uimbuttaha b'idu miftuha f'wiccha izda mhux bil-ponn. Dak il-hin dar fuq siehbu li kien fil-kju u qallu biex izomm l-arlogg u regghu marru biex jatakwh u dak il0hin qal " issa le u pum pum pum bhal Stephen Seagul beda jghamel , zied ighid li hu champion tal-boxing u beda itihom bhala Stephen Seagul u beda jiddfendi lilu innifsu mhux biex iweeggahhom u waqt li kien qed jiggieled beda ighilhom " *Don't fight with me because I know self defence*". Jghid li ha sehem f'mitejn loghba fil-boxing u beda jiddiskrivi kif beda idawwarhom kontra xulxin. Jghid li bdiet iddahhallu saqajgha, idahhallu idejha gol- qalziet biex tigdimlu l-parti tieghu u l-ohra l-mara irqiqa izommu. Jghid li kienu qed jidqu u jipprovaw jattakawh biex iweggewh.

Fl-ahhar ighid li waqa' fuq il-mara ta' statura kbira u beda itiha izda l-cameras ma gibdix dan u fil-pront gew il-pulizija u jghid li anke il-pulizija tah Gambetta u qallu biex ma isawtux u mar l-ghassa u jghid li ghamel stqarrija pero mhux dak li giet esebita fl-atti, jallega li bidluha. Allega li l-espert tal-Qorti Dr Stephen Farrugia Sacco li ghamel ic-Cd ghamel xoghol hazin u l-filmat imbaghbas, li t-tobba li xehdu ma qalux il-verita, li ta' Coppini gidbu meta qalu il ma kienx hemm aktar filmati, li l-istqarrija li rrilaxja ma kienitx dik li ghamel hu ghaliex hu ma jafx jaqra u jiteb u ghalhekk l-pulizija kitbu li riedu. Jallega ukoll li wahda min nisa riedet idahhal idejha fil-parti tieghu u qatatlu l-qalziet pero jghid li l-evidenza hija mohbija. Qal li kien PC Patrick Cassar habib tal- ekx Kummissarju Zammit u tal-AG komplici f'din l-affari. Qal ukol li t-tabib tal Gvern dam hamest ijiem ma jmur jarah. Huwa esebixxa zewg ritratti li gew markati bhala dok JA 1 u JA 2 lihuma ritratti tal-kelba tieghu.

Ikkunsidrat

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju dettat mir-raguni. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**[7], fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali fakret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ccirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller v Minister of Pension** [8]- tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his*

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (5 ta' Dicembru, 1997)
[8] 1974 - ALL Er 372

*favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Il-Qorti hawnhekk taghti spjegazzjoni tat-tifsira wzata komunement u cioe li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha beyond a reasonable doubt, li tipprova kaz dettat bla dubbju dettat mir-raguni, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe tal-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat irid ikun assoluta, oltre kull dubbju dettat mir-raguni w f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragjonevoli, l-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija w ghalhekk l-Qorti hija obbligata li tillibera.

Fis-Sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et** [9]gie ritenut li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** [10] gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-**Manzini**[11]:-

*"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire,spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

---

[9] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil- 5 ta' Ottubru, 1998
[10] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Mejju 1997
[11] Fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara**[12] fejn gie spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

F'dan il-kaz din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet tal-fatti ta kif sehh l-akkadut dik moghtij amill-akkuzat li jghid li kienu iz zewg nsia barranin li aggredewh l-ewwel u huwa qabad u iddefenda ruhu mill-aggressjoni taghhom u l-verjni moghtija min nisa barranin li jghidu li kien l-appellant li aggredixxa lil Faitj Jezz Mohammed.

M'hemmx dubbju li din il-kawza tiddependi fuq il-kredibilita' tax-xhieda li semghet il-Qorti u dan wara li ghamlet apprezzament taghhom ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9. Ghalhekk mhemmx dubbju minn wari ta-sentenza ta' l-ewwel Qorti li hija tat qies tal-imgieba, kondotta, karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda kellhomx mis-sewwa jew jekk kienux konsistenti, ta' fattizzi ohra tax-xhieda taghhom, jekk ix-xhieda kienitx imsahha minn xhieda ohra w tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni inqas vantaggjata ghal hdejn l-ewwel Qorti meta giet biex taghmel apprezzament tax-xhieda, w dan ghaliex hija ma ghexitx il-process tul medda ta' zmien, ma semghetx ix-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, b'khemm ma kientix f'poszjoni li tezamina l-imgieba w il-komportament taghhom, stante li ma kientix hi stess li kkonstatathom, u ma setghetx tara x'interess seta' kellu kull xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le. Pero mhemmx dubbju li fl-aprezzament tax-xhieda dan l-esercizzju sar mill-ewwel Qorti

[12] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migbura w thoss li l-alternattivi huma tnejn; jew li l-imputat qed jghid il-verita' jew ma huwiex. Pero' fic-cirkostanzi kif inhuma, w kif jirrizultaw fil-process, biex din il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li l-imputat m'huwiex hati tad-delitti imputati lilu, trid ukoll tasal ghal konkluzzjoni li kien hemm fil-kaz u fil-konfront tieghu, speci ta' kongura minn nisa barranin biex jaddebitawlu delitti li ma kkommettiex.

**L-ewwel Akkuza**

Fir-rigward tal-ewwel akkuza misjub hati l-appellant kien gie akkuzat li kkaguna ferita ta' natura graavi fuq il-persuna ta' Faith Jezz Mohammed. Il-Qorti rat is-rassenja ta' gurisprudenza iccitata mill-ewwel Qorti u ma thoss li ghandha izzid maghha. Rat li skond l-ewwel Qorti l-feriti subiti minn Faith kienu feriti ta' natura hafif u li ma kellha l-ebda sfregju fil-wicc. Pero f'dan ir-rigward din il-Qorti issostni li bizzejjed thares lejn ir-ritratt esebit u tara is-snien nieqsa minn halq l-istess vitma u ikollok sens ta ribrezz.

Il-Qorti taghmel referenza ghas- sentenza citata mill-ewwel Qorti fl-ismijiet **<u>il Pulizija vs Paul Spagnol</u>**[13] deciza minn din il-Qorti diversament preseduta u izzid billi ticcita is-segwenti:_

*"B'mankament...fil-wicc il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament tal-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament 'cioe peggioramento d'aspetto notevole o complessivo, o per l'entità della alterazione stessa, o per l'espressione d'assjeme del volto" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regoiarità tal-wicc, fl-armonija tal-linearnenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tai-wicc. Skond gurisprudenza ormaj pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (Il-Pulizija v. Emily Zarb App. Krim. 15/2/58, Koliezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248). Ghalhekk mhix korretta il-proposizzjoni li temergi mill-bran tas-sentenza appena citata, li jekk ikun hemm cikatrici neccessarjament hemm sfregju, izda ma jkunx hemm sfregju jekk ikun hemm sempici skolorament tal-gilda. Anke skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc fis-sens spjegat. Kollox*

[13] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta Settembru 1996

*jiddependi mill-entità tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku Jew popolarment, dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc."*

Illi ma hemmx dubbju jekk wiehed jara ir-ritratti ta' din il-persuna esebiti fl-atti jinnota id-diversi daqqiet li hija qalghet minghand l-appellant kif stqarr hu stess u fi kliemu *"issa le u pum pum pum bhal Stephen Seagul bdejta nghamel"* fejn sahansitra anke stqarr li hu champion tal-boxing. Illi l-feriti kif murija fir-ritratt zgur li jikkolloboraw il-feriti kif deskritti fic-certifikat mediku esebit fl-atti a fol. 14 markat bhala dok MC 3 fejn hemm indikat litanija ta' feriti xejn inqas minn tnax-il gerha. Jidher kif stqarr l-istess appellant li huwa dakinhar kien ansjuz ghaliex ried jiehu il-kelba tieghu ghand il-vet u jidher li kien forsi dam fil-hanut u b'hekk ried li jinqeda aktar malajr. Din pero mhiex skuza li bnidem jagixxi b'dan il-mod u jaggredixxi mara li tkun ghal affari taghha bit-tarbija tinqeda mal-counter u tispicca imkaxkra 'l barra ma l-art f'nofs tat triq bl-aggresur taghha fuqha itiha bl-addocc u bil-ponn. Dan zgur mhux accettabli u kif tajjeb ghamlet l-ewwel qorti ghandu l-kundanna ta' din il-Qorti ukoll.

Huwa minnu kif stqarret id-difiza li forsi l-prosekuzzjoni setghet resqet aktar xhieda biex telabora il-versjoni tal-vitmi kif spejgata lill-ufficcjali tal-pulzija li xehdu u aktar tard viva voce quddiem din il-Qorti pero din il-Qorti kif del resto kellha l-ewwel Qorti m' ghandhiex ghalfejn ma temminx il-versjni tal-fatti kif spjegati mix-xhieda mismugha . Din il-Qorti bhal l–ewwwel Qorti ezaminat ukoll ic Cd u minn esami ta l-istess jidher l-aggessivita tal-appellant. Illi ma hemmx dubbju li kien l-appellant li beda l-incident kif del resto kkonfermat Anthea Marsala u li kien aggressiv mal-vitma. Dan jirrizulta kemm min dak li jghid l-appellant stess fl-istqarrija tieghu kif ukoll viva voce il-Qorti anzi meta xehed il-Qorti izejjen l-aggressjoni tieghu u jghid li ta' daqqiet daqs s li kieku kien Stephen Seagull.

Din il-Qorti pero ma taqbilx ma dak deciz mill-ewwel Qorti fis-sens li l-feriti li subiet l-vitma Faith kienu biss ta' natura hafifa u dan ghaliex filwaqt li jista' jkun minnu li l-feriti li kellha Faith f'wiccha ma baqghux jidhru u ghalhekk ma jikkostitwux feriti gravi fift-terminu tal- ligi fis-sens ta' sfreggju pero it-telf ta' snien *ut sic* specjalment dawk frontali jikkrejaw ribrezz fil-halq li jifforma parti mill-wicc u zgur li jhallu effett fuq wiccha u ghalhekk hija tal-fehma li l-feriti li sofriet Faith kienu ta' natura

gravi u mhux hfief kif deciz mill-ewwel Qorti pero stante li ma giex intavolat appell mill-Avukat Generali din il-Qorti ma tistax izzid il-piena u stante li l-ferita ta' natura hafifa hija inkorproata fil-ferita ta' natura gravi sejra tikkonferma is-sentenza ta' l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward.

**It tieni reat.**

Dwar it-tieni reat u cioe dik ta' tixwix għal mibegħda razzjal kif dispost fl-artikolu 82 A tal- kodici kriminali jinghad li sabiex jissusti dan ir-reat hemm bzonn kemm l-*actus reus* kif ukoll dak ta' *mens rea* bhal f'kul reat iehor. L-*actus reus* kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti jikkonsisti fl-uzu ta' kliem ta' theddid, abbusiv jew insolenti waqt li l-*mens rea* ta' dan ir-reat jikkonsisti fl-intensjoni ix- xjenza li tkun qed tqajjem vjolenza jew mibgheda kontra xi persuna ohra minhabba ir- razza jew l- origini etnika taghha'

Illi l-akkuzat appellant huwa akkuzat bir-reat ta' tixwix ghal mibgheda razzjali u ghalhekk isegwi li din il-Qorti trid tara xi tfisser t-tifsira '*mibgheda razzjali*'.

Il-Kodici Kriminali taghna jaghti tifsira dwar it terminologija '*mibgheda razjali*' u dan fis-sub artikolu (2 ) tal artikolu 82A tal kodici Kriminali li jipprovdi is-segwenti:-

*“"vjolenza jew mibegħda" tfisser vjolenza jew mibegħda razzjali jew reliġjuża kontrapersuna jew grupp ta' persuni f'Malta definiti b'referenza għall-ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa,oriġini nazzjonali jew etnika, ċittadinanza, reliġjon jew twemmin jewopinjoni politika jew opinjoni oħra".*

Pero fl"International Convention on the Elimination of all forms of Racial Discrimination" insibu l-guidelines ghat-tifsira tal-kliem 'mibgheda razzjali', li tipprovdi s-segwenti:

*"Any distinction, exclusion, restriction or preference based on race, colour, descent or national or ethnic origin, which has the purpose or effect of nullyfying or impairing the recognition, enjoyment or exercise on or equal footing of human rights and fundamental freedom in the political economic, social, cultural or any other field of public life."*

F'din l-istess konvenzjoni nsibu spjegazzjoni tal-kelma '*racism*' u cioe "*a system of beliefs, held consciously or otherwise, alleging the inferiority of members of one supposedly biologically different groups to those of one's own group. It is therefore prejudice or animosity against people who belong to other races*" w ghalhekk, il-Konvenzjoni tkompli tghid "*Racial discrimination is any action which treats people differently in any manner because of prejudice about race – it is therefore the action that stems from the beliefs and prejudice of racism.*"

Illi ghalhekk, fid-dawl ta'dak li ntqal aktar 'l fuq, il-Qorti trid tezamina d-diskors tal-appellant biex tara jekk b'dak li qal, hu kienx qed jippregudika t-twemmin ta' terzi persuni li ghandhom razza differenti minn tieghu.

Illi ma hemmx dubju li l-agir tal-appellant jikkonfigura proprju f'dan ir-reat u dan ghaliex l-kliem proliferati fil-konfront tal-appellant kien proprju dak ta' aggressivia ta' thedid u ta' mibgheda. L-appellant jghid li ghajjar lin-nisa *niggers, go back to your Fucken Africa, go back to your country u monkeys*." Qal lil Faith ukol li kien ser igib il-pistola u jisparalha. Dan l-komportament abbusiv u insolenti zgur li mhux accettabli f'socjeta demokratika u ghandu igib il-kundanna ta' din il-Qorti. Fil-fehma tal-Qorti m'għandux jkun hemm l-ebda dubju li fi kwalunkwe soċjeta ċivilizzata kliem bħal dak li ntqal mill-appellant għandu jitqies bħala kliem li jqajjem vjloenza jew mibgheda kontra persuni minhabba ir razza jew l-origini etnika taghhom u m'għandu **qatt** jiġi aċċettat fl-ebda ċirkostanzi.

Il-Qorti tghid li jekk l-akkuzat hassu urtat ghax deherlu li Mohammed kienet qed iddum biex tinqeda u xtaq li jesprimi dan is-sentiment żgur li ma kellux għalfejn juża dak il-kliem abbużivi, degredanti u offensiv. Mhemmx dubbju li quddiem dawk in-nies li kien hemm fil-hanut l-vitma hassietha umiljata proprju minhabba ir razza taghha. Jirrizulta li l-intenzjoni tal-appellant kienet wahda li toffendi s-sentiment ta' Faith Jazz Mohammed minhabba li ghandha karnagjon u origini etnika differenti. **Dan l-atteggjament m'ghandu l-ebda lok f'dan il-pajjiz u zgur mhux ser isib xi forma ta hniena minn din il-Qorti. Il-Qorti bis-sentenzi qed hemm biex**

**tipprocedi lic cittadini kemm jekk huma ta nazzjonalita Maltija kif ukoll barranin inkluz dawk ta razza u origini etniku differenti**.

Jekk l-appellant għandu ir-riservi tieghu dwar il-preżenza ta' neis b'karnaggjon differenti f'pajjiżna (u minn dak li qal kemm fl-istqarrija u anke waqt id-depożizzjoni tiegħu m'hemm l-ebda dubju li għandu opinjonijiet ċari u preċiżi fir-rigward) żgur li ma kellux ghalfejn juza dak il-kliem offensiv biex jesprimihom. Ghalhekk kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti dan ir-rat jissusti

L-appellant interpona appell ukol lmill-fatt li l-ewwel Qorti applikat l-aggravju fil-piena kif dispost fl-artikolu 222A(2) fejn "*il-pieni stabbiliti fid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan is-sub-titolu għandhom ukoll jiżdiedu minn grad sa żewġ gradi meta r-reat ikun aggravat jew motivat fuq bażi ta' ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, nazzjonalità jew oriġini etnika, ċittadinanza, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra fi ħdan it-tifsira mogħtija f'dawn is-subartikoli li ġejjin"* Mhemmx dubbju li dan l-artikolu japlika ukoll u dan ghaliex jirrizulta ghas sodisfazzjon tal-Qorti li l-inkwiet inqala ghaleix l-incident kien motivate fuq bazi ta razza, kulur u origini etnika u dan qed jinghad ghaliex l-appellant ghajjar lil vitmi " black" minhabba il-karnaggion taghhom u razza meta qalilhom b'mod disprggjattiv li huwa mill Afrika u li huma Nigerjani u li ghandhom imorru lura f'pajjizhom . Fil-fatt ighid ex admisses "*Fuck your country, what are you doing here?*", " *Dawn l-afrikani ma tfiemhom b'xejn*[14]" u aktar tard jghid ukoll "*Fuck your country*" u zied ighid " *you know why*?" u qallha " *because your country will shoot people like you*"." Imbaghad biex taggrava is-sitwazzjoni jghid b'daqshekk ma qallha xejn hazin. Dan hu ezattament – agir li l-legislatur ried jimpunixxi u cioe li bniedem ma jittrattax nies b'razza u generu etniku b'inqas rispett u b'mod dispreggjattiv.

Dwar it-talba tal-appellant biex il Qorti tirrforma l-piena moghtija f'kaz ta' konferma fil-htija kif gie ritenut ripetutament minn din il-Qorti diversament preseduta w anki kif illum preseduta, "*principju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal-provi*

[14] Fol. 240

*maghmul mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l- Ewwel Qorti setghetx, legalment u ragonevolment , tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha."* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[15]" u ohrajn.) Il-Qorti tvarja tali apprezzament jekk tqis li fuq il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u minnha traskritti ma jkunx "*safe and satisfactory*" li tinstab il-htija addebitata lill-appellanti. Zgur li dan mhuwiex il-kaz .

Illi fil-kaz in desamina l-appellant talab li jigi invistat minnpsikjatra u l-Qorti laqgeht it-talba tieghu u nnominat lil Dr Joseph Xuereb. Jinghad pero li Dr Xuereb mea pprezenta r-relazzjoni teighu kkonferma li l-appellant ma hux mignun fit-terminu tal-ligi izda ibati minn ansjeta minhabba il-passat tieghu ta boxer. Illi ghalhekk stqarr li huwa bniedem vulnerabbli li qed ibati minn tlett 'major lifelong mental and behavioural disorders' Ghalhekk mhux kapaci li jikkopja mal-bzonnijiet ta kuljum meta affrontat bic-challenges tal-hajja. Il-kundizjoni tieghu m ghandhiex kura u sejra tkun prezenti tul hajtu . Ikkonkluda li ghandu '*recurrent depressive disorder, adjustment disorder u dementia due to injury to the head withhigh risk of suicide ,low frustration tolerance, anger irritability anxiety and depression."*

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tichad l-appell tal-appellant u tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti in toto kemm fir- rigward tal-htija kif ukoll fir rigward ta-piena u cioe d-disgha xhur prigunerija imposta.

Pero n vista tal-konkluzjoni raggunta mill-eseprt psikjattiku Dr Mark Xuereb dinil-Qorti tattira l-attensjoni tad Direttur tal Facilita Korrettiva ghal dawn il-kondizzjonijeit u dan sabiex ikun konsapevoli tal-vulneabilita tal-appellant u jaghti l-attensjoni tieghu rikjesta sabiex jilqa ghan-nuqqasijiet tieghu.

Il-Qorti tordna notifika ta din is-entenza lid-Direttur tal Facilita Korrettiva ta' Kordin

Consuelo-Pilar Scerri Herrera

---

[15] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta Mejju 2002

Imhallef